

Brussell, 27 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13368/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0253(COD)

CODEC 1219
WTO 343
USA 41
PE 91

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerti prodotti - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mit-23 sas-26 ta' Novembru 2020)

I. INTRODUZZJONI

Fit-18 ta' Novembru 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

F'dan il-kuntest, ir-relatur, Bernd LANGE (S&D, DE), ippreżenta rapport f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bl-għan li jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-grupp politiku GUE/NGL ippreżenta emenda waħda (emenda numru 1).

II. VOTAZZJONI

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-26 ta' Novembru 2020 bl-inkorporazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu. Ma ġiet ippreżentata l-ebda emenda.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun fpożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness hawnhekk, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

P9_TA-PROV(2020)0333

Eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerti prodotti *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerti prodotti (COM(2020)0496 – C9-0284/2020 – 2020/0253(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2020)0496),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0284/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-18 ta' Novembru 2020 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0217/2020),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2020)0253

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-26 ta' Novembru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020.

Billi:

- (1) L-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka (l-"Istati Uniti") għandhom l-iktar relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bilaterali kbira u profonda fid-dinja u għandhom ekonomiji integrati ħafna. Il-kummerċ reċiproku tal-prodotti u s-servizzi bejniethom għandu valur ta' aktar minn EUR 1 triljun fis-sena, li approssimament jammonta għal EUR 3 000 miljun kuljum. Dik ir-relazzjoni mill-qrib ta' kummerċ u ta' investiment hija ta' benefiċċju għall-konsumaturi, il-ħaddiema, in-negozji u l-investituri.
- (2) L-Unjoni hija impenjata li ttejjeb ir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tagħha mal-Istati Uniti. Dan jinkludi s-sejbata' modi ġodda biex tittejjeb ir-relazzjoni kummerċjali bilaterali, jiġu indirizzati l-ostakli kummerċjali u jiġu riżolt it-tilwim kummerċjali li għaddej bħalissa. Sabiex jiġi evitat aktar tfixkil ta' dik ir-relazzjoni kummerċjali, jenħtieġ li d-dazji doganali applikati mill-Unjoni fuq l-importazzjonijiet għal għadd limitat ta' merkanzija jiġu eliminati għal perijodu ta' ħames snin fuq bażi *erga omnes*.
- (3) L-eliminazzjoni tad-dazji doganali jenħtieġ li tkun soġġetta għall-implimentazzjoni effettiva mill-Istati Uniti tat-tnaqqis imħabbar tad-dazji doganali fuq għadd determinat ta' merkanzija u tal-astensjoni mill-Istati Uniti mill-introduzzjoni ta' miżuri ġodda li jimminaw l-oġettivi fil-mira tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea dwar Ftehim dwar it-Tariffi tal-21 ta' Awwissu 2020 (id-"Dikjarazzjoni Konġunta")².
- (4) Jenħtieġ li l-eliminazzjoni tad-dazji doganali tapplika mill-istess data ta' implimentazzjoni effettiva li fiha l-Istati Uniti jħabbru t-tnaqqis tad-dazji doganali tagħhom fuq għadd determinat ta' merkanzija, jiġifieri mill-1 ta' Awwissu 2020.
- (5) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tissospendi temporanjament l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jekk ma jkunx hemm konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li daww is-setgħat

² Ara d-dokument ST 12652/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>

ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.

- (6) Fid-dawl tal-urġenza li jiġi evitat tfixkil ulterjuri tar-relazzjoni kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka, dan ir-Regolament jenħtiegħ li jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Għall-istess raġuni, jitqies ukoll li huwa xieraq li ssir eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eliminazzjoni tad-dazji doganali

Id-dazji doganali fuq l-importazzjoni applikabbli tat-Tariffa Doganali Komuni għandhom ikunu 0 % (mingħajr dazju) għall-merkanzija kklassifikata fil-linji tariffarji elenkati fit-Taqsima I tal-Anness fuq bażi *erga omnes*.

Artikolu 2

Kundizzjonijiet għall-eliminazzjoni tad-dazji doganali

L-eliminazzjoni tad-dazji doganali għall-merkanzija kklassifikata fil-linji tariffarji elenkati fit-Taqsima I tal-Anness għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) it-tnaqqis tad-dazji doganali mill-Istati Uniti fuq bażi *erga omnes* għall-merkanzija kklassifikata fil-linji tariffarji elenkati fit-Taqsima II tal-Anness; u
- (b) l-astensjoni tal-Istati Uniti mill-introduzzjoni ta' miżuri ġodda kontra l-Unjoni li jimminaw l-oġġettivi fil-mira tad-Dikjarazzjoni Konġunta.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Artikolu 3

Sospensjoni temporanja

Jekk l-Istati Uniti ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, jew jekk ikun hemm biżżejjed evidenza li l-Istati Uniti ser jonqsu fil-futur milli jikkonformaw ma' daww il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi l-eliminazzjoni tad-dazji doganali msemmija fl-Artikolu 1 sakemm ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 4(2).

Artikolu 4

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat ta' Kodiċi Doganali stabbilit permezz tal-Artikolu 285 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fil-każijiet fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2020 sal-31 ta' Lulju 2025.
3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż ta' sospensjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-każ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi sospiża skont l-Artikolu 3 jew fil-każ li dan ir-Regolament ma jibqax japplika qabel il-31 ta' Lulju 2025.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

4. Fuq talba tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati, l-awtoritajiet doganali nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrimborżaw kwalunkwe dazju mħallas li jaqbeż l-ammont applikabbli skont dan ir-Regolament għal importazzjonijiet mill-Istati Uniti bejn l-1 ta' Awwissu 2020 u ...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Taqsim I (Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0306 11 90	Awwista tal-blat u awwist ieħor tal-baħar “Palinurus spp., Panulirus spp. u Jasus spp.” iffriżati, anki affumikati, kemm jekk fil-qoxra jew le, inklużi daww fil-qoxra, imsajrin bl-istim jew mgħollijin fl-ilma (minbarra dnuw tal-awwist)
0306 12 10	Awwisti “Homarus Spp.” iffriżati, sħaħ, anki affumikati jew imsajra bl-istim jew mgħollijin fl-ilma
0306 12 90	Awwisti “Homarus Spp.” iffriżati, anki affumikati, kemm jekk fil-qoxra jew le, inkluż awwisti fil-qoxra, imsajrin bl-istim jew mgħollijin fl-ilma (minbarra sħaħ)
0306 32 10	Awwisti “Homarus Spp.” ħajjin

Taqsim II (Tariffa Doganali tal-Istati Uniti)

Kodiċi Tariffarja	Deskrizzjoni	Tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit eżistenti	Rata ġdida tat-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit
1604 20 05	Prodotti li fihom laħam ta’ krustaċċi, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, ikliet ippreparati	10 %	5 %
7013 41 50	Oġġetti tal-ħġieġ għall-mejda jew għall-kċina (minbarra tazzi tax-xorb), tal-kristall taċ-ċomb, b’valur ta’ aktar minn 5 USD kull wieħed	6 %	3 %

3214 90 50	Preparazzjonijiet ta' kisi mhux refrattivi għal faċċati, ħitan interni, artijiet, soqfa jew bħalhom, mhux ibbażati fuq il-lastku	6,5 %	3,25 %
3601 00 00	Trabijiet propellanti	6,5 %	3,25 %
9613 10 00	Lajters tas-sigaretti u lajters simili, li jaħdmu bil-gass, li ma jistgħux jergħu jimtlew, għall-but	8 %	4 %
9613 90 80	Partijiet għal lajters tas- sigaretti mhux elettriċi u lajters simili	8 %	4 %